**MALTA**

**Fit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**
**Maġistrat**
**Dr.Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 327/12VG**

**XXX**

**Vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi Interni**

**Illum 21 ta' Jannar 2021**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ippreżentat minn XXX fis-27 ta' Novembru 2012 permezz ta' liema jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka *in toto* l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-26 ta' Ottubru 2012 għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, in kwantu huma nulli u bla effett fil-Liġi u minflok jordna li jiġu aċċettati bħala ġusti u reali d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għall-istess imsemmija snin ta' stima, bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju tat-Taxxi Interni;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur a fol. 3 sa' 16 tal-proċess[1];

Ra r-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), già Kummissarju tat-Taxxi Interni, permezz ta' liema jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 u jitlob li l-istess jiġi miċħud, bl-ispejjeż kontra r-Rikorrent, u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiġu kkonfermati stante li l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu, anke dawk rigwardanti l-allegata nullità tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa in kwistjoni, huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) markati Dok. "GB1" sa' Dok. "GB11" a fol. 32 sa' 113 tal-proċess[2];

[1] Volum I.
[2] Volum I.

Sema' x-xhieda ta' Marco Borg, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi, mogħtija waqt is-seduti tat-3 ta' Frar 2014[3], ta' l-4 ta' Mejju 2015[4], tal-25 ta' Ġunju 2015[5], tal-15 ta' Marzu 2018[6], tal-15 ta' Novembru 2018[7], tat-28 ta' Marzu 2019[8] u ta' l-20 ta' Ġunju 2019[9] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "MB" a fol. 128 sa' 132 tal-proċess[10], Dok. "MB1" u Dok. "MB2" a fol. 298 sa' 321 tal-proċess[11], id-dokument Dok. "MB" a fol. 976 sa' 981 tal-proċess[12], id-dokument Dok. "KT" esebit mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fl-4 ta' April 2019 a fol. 997 u 998 tal-proċess[13], u d-dokumenti esebiti mid-difensur tar-Rikorrent waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2018 markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 661 u 662 tal-proċess[14], sema' x-xhieda tar-Rikorrent mogħtija waqt is-seduti tat-30 ta' Ottubru 2014[15], tat-13 ta' Ġunju 2016[16], tas-17 ta' Novembru 2016[17], tat-23 ta' Jannar 2017[18] u ta' l-14 ta' Ġunju 2018[19] u ra d-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "A" sa' Dok. "D" a fol. 146 sa' 283 tal-proċess[20], Dok. "JA1" a fol. 333 tal-proċess[21], Dok. "X" a fol. 480 sa' 486 tal-proċess[22], ir-rendikont finanzjarju għall-perijodu mertu tal-proċeduri esebit permezz ta' Nota ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2018 a fol. 669 sa' 938 tal-proċess[23], id-dokumenti markati Dk. "GV" a fol. 940 sa' 950 tal-proċess[24] u s-sentenza fl-ismijiet "Maria Assuanta Aquilina v. XXX" Rik. Nru. 410/08 deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fil-31 ta' Jannar 2017 esebita permezz ta' Nota ppreżentata fil-11 ta' Ottubru 2018 a fol. 953 sa' 976 tal-proċess[25], sema' x-xhieda mogħtija minn Joseph Sammut waqt is-seduti tat-22 ta' Jannar 2015[26] u tas-6 ta' April 2017[27] u x-xhieda ta' Audrey Ghigo, in rappreżentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., mogħtija waqt is-seduti tat-13 ta' Ottubru 2016[28] u tas-17 ta' Novembru 2016[29] u ra d-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AG1" sa' Dok. "AG11" a fol. 345 sa' 479 tal-proċess[30], u ra l-affidavit ta' Marco Borg, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi, u d-dokumenti annessi miegħu, esebiti mill-Kummissarju tat-Taxxi permezz ta' Nota ppreżentata fit-30 ta' Mejju 2017 a fol. 511 sa' 656 tal-proċess[31];

---

[3] Fol. 133 tal-proċess, Volum I.
[4] Fol. 291 sa' 296 tal-proċess, Volum II.
[5] Fol. 322 sa' 328 tal-proċess, Volum II.
[6] Fol. 663 sa' 668 tal-proċess, Volum IV.
[7] Fol. 982 sa'988 tal-proċess, Volum V.
[8] Fol. 991 sa' 996 tal-proċess, Volum V.
[9] Fol. 1002 sa' 1004 tal-proċess, Volum V.
[10] Volum I.
[11] Volum II.
[12] Volum V.
[13] Volum V.
[14] Volum IV.
[15] Fol. 284 u 285 tal-proċess, Volum II.
[16] Fol. 334 sa' 337 tal-proċess, Volum II.
[17] Fol. 487 u 488 tal-proċess, Volum III.
[18] Fol. 492 sa' 499 tal-proċess, Volum III.
[19] Fol. 951 tal-proċess, Volum V.
[20] Volum II.
[21] Volum II.
[22] Volum III.
[23] Volum IV.
[24] Volum V.
[25] Volum V.
[26] Fol. 287 sa' 289 tal-proċess, Volum II.
[27] Fol. 504 sa' 510 tal-proċess, Volum III.
[28] Fol. 342 u 343 tal-proċess, Volum III.
[29] Fol. 489 u 490 tal-proċess, Volum III.
[30] Volum III.
[31] Volum IV.

Ra li b'Digriet datat 9 ta' Ġunju 2014[32] ir-Rikors in eżami ġie differit *sine die*, liema Rikors reġa ġie appuntat għas-smigħ fuq tal-talba tar-Rikorrent, b'Digriet datat 23 ta' Ġunju 2014[33];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-Difensur tal-Rikorrent u ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva tal-Kummissarju tat-Taxxi a fol. 1007 sa' 1023 tal-proċess[34] u sema' t-trattazzjoni orali finali tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidra:**

In forza ta' Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 maħruġa fit-12 ta' Lulju 2008[35], il-Kummissarju tat-Taxxi esiġa ħlas mingħand ir-Rikorrent tas-somma komplessiva ta' €941,039 (ekwivalenti għal Lm403,988.04) rappreżentanti taxxa, flimkien ma' taxxi addizzjonali u imgħaxijiet. Ir-Rikorrent oġġezzjona għal dawn il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa[36] iżda l-oġġezzjonijiet tiegħu ma ġewx milqugħa u b'deċiżjonijiet ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni datati 26 ta' Ottubru 2012[37], il-Kummissarju tat-Taxxi għarraf lir-Rikorrent illi *l-oġġezzjoni tiegħek ġiet ikkunsidrata iżda d-Direttur Ġenerali ma jistax jilqagħha għar-ragunijiet li ma ddikjarajtx il-qliegħ kollu li kellek min-negozju kif dovut skond l-Artikolu 4(1)(a). Għaldaqstant dan l-avviż għandu jitqies bħala notifika ta' rifjut bil-miktub mid-Direttur Ġenerali għall-iskopijiet tas-subartikolu 33(5) ta' l-Att* u b'Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006[38] maħruġa fis-26 ta' Ottubru 2012, ir-Rikorrent ġie mitlub iħallas is-somma komplessiva ta' **€519,208** rappreżentanti taxxa flimkien ma' taxxi addizzjonali u imgħaxijiet.

Ir-Rikorrent ħassu aggravat bid-deċiżjonijiet ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni u konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 u interpona dan l-appell minnhom. Huwa jitlob li t-Tribunal iħassar u jirrevoka *in toto* l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni fis-26 ta' Ottubru 2012, in kwantu huma nulli u bla effett fil-Liġi u minflok jordna li jiġu aċċettati bħala ġusti u reali d-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għall-istess imsemmija snin ta' stima.

Ir-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa kontrih għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 fuq is-segwenti aggravji: (1) *ir-raġuni mogħtija mill-Kummissarju appellat għad-deċizjoni tiegħu ma hijiex raġuni per se u d-deċiżjoni tal-Kummissarju ma hijiex motivata u kwindi nulla;* (2) *id-deċiżjoni ma tirrispettax il-prinċipju ta' ġustizzja naturali u l-prinċipju ta' dritt u*

[32] Fol. 136 tal-proċess, Volum I.
[33] Fol. 138 tal-proċess, Volum I.
[34] Volum V.
[35] Fol. 608 sa' 616 tal-proċess, Volum IV.
[36] Fol. 617 sa' 629 tal-proċess, Volum IV.
[37] Fol. 652 sa' 656 tal-proċess, Volum IV.
[38] Fol. 643 sa' 651 tal-proċess, Volum IV.

*kwindi hija nulla u bla bażi;* (3) *id-deċiżjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni hija infondata fil-fatt u fid-dritt.*

Id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), già Kummissarju tat-Taxxi Interni u llum Kummissarju tat-Taxxi, jopponi għall-appell tar-Rikorrent mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 maħruġa fil-konfront tiegħu u jitlob li l-istess jiġi miċħud u minflok l-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa jiġu kkonfermati. L-oġġezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi għall-appell tar-Rikorrent hija bbażata fuq is-segwenti kontestazzjonijiet: (i) l-aggravji fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt; (ii) huwa pprovda raġuni ċara u valida għar-rifjut fl-Avviżi ta' Rifjut ta' l-Oġġezzjoni tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni u tali avviżi bl-ebda mod ma jistgħu jitqiesu li huma nulli; (iii) id-Dipartiment tat-Taxxi kemm-il darba talab lir-Rikorrent biex jippreżenta dokumentazzjoni għall-fini li jiċċara s-sitwazzjoni tiegħu fir-rigward ta' l-istimi maħruġa fil-konfront tiegħu, iżda huwa baqa' indempjenti, kemm fl-istadju ta' l-investigazzjoni kif ukoll fl-istadju ta' l-oġġezzjoni; (iv) se mai, kien ir-Rikorrent stess li fl-istadju ta' l-oġġezzjoni kellu jippreżenta prova kontra l-istimi tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) sabiex juri li l-istess kienu eċċessivi iżda huwa naqas milli jagħmel dan billi baqa' ma ppreżentax l-informazzjoni ulterjuri li ġiet mitluba mingħand mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni; (v) oġġezzjoni minn stima oriġinali tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) għandha ssir abbazi ta' motivazzjonijiet speċifiċi u mhux tintbagħat lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mingħajr ma jiġu elenkati r-raġunijiet għalfejn persuna ma tkunx qed taqbel ma' stima maħruġa fil-konfront tagħha. In effetti ai termini ta' l-Artikolu 33(2) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, oġġezzjoni għal stima għandha tkun waħda motivata u għandha ssemmi b'mod preċiż ir-raġunijiet għalfejn qed issir tali oġġezzjoni, motivazzjoni li però ma ingħatatx mir-Rikorrent; (vi) id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) osserva l-prinċipji ta' ġustizzja naturali fid-deċiżjoni li huwa ħa fil-konfront ta' l-oġġezzjonijiet tar-Rikorrent, in effetti d-deċiżjoni hija bbażata fuq il-fatti u fuq id-dritt.

Fil-fehma tat-Tribunal qabel ma jittratta l-appell tar-Rikorrent fil-mertu, għandu jikkonsidra u jiddetermina l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrent u li bih qed jinvoka n-nullità tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu.

**L-Ewwel Aggravju - il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 huma nulli stante li r-raġuni mogħtija mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-deċiżjonijiet ta' rifjut ta' oġġezzjoni tiegħu ma hijiex raġuni u għaldaqstant l-istess deċiżjonijiet ma humiex motivati:**

Il-kwistjoni dwar il-motivazzjoni li għandha tingħata mill-Kummissarju tat-Taxxi fid-deċiżjoni ta' rifjut ta' oġġezzjoni ġiet trattata diversi drabi mill-Qrati ta' l-Appell, ad eżempju fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fl-4 ta' Marzu 1992[39] u fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Mejju 2008[40].

---

[39] Decisions of the Court of Appeal, Volum 4 pg. 369.
[40] Decisions of the Court of Appeal, Volum 6 pg. 285.

Fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni** deċiża fl-4 ta' Marzu 1992, fejn, fost affarijiet oħra, ġie trattat u kkunsidrat aggravju fis-sens li *l-Bord ta' Kummissarji Speċjali interpreta ħażin l-artikolu 65(5) tal-Kap.123* (illum l-Artikolu 33(5) tal-Kap. 372 tal-Liġijiet ta' Malta) *billi filwaqt li dak is-subartikolu jiddisponi biss li l-Kummissarju tat-Taxxi Interni 'shall determine the tax by order in writing', il-Bord ikkonkluda li dak is-subartikolu ma jimponi ebda obbligu fuq il-Kummissarju tat-Taxxi Interni li jagħti dettalji iżjed milli jiffissa l-ammont tat-taxxa. "Għalhekk" żied jgħid il-Bord "il-Kummissarju ma jkunx qiegħed jikser la l-prinċipju ġenerali tal-liġi u lanqas tal-ġustizzja naturali meta ma jsemmix kif u fuq liema bażi d-deċiżjoni hija motivata,* il-Qorti ta' l-Appell osservat illi *huwa veru li fil-kamp amministrattiv, anke meta si tratta ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni kważi ġudizzjarja, l-awtorità kompetenti mhix marbuta, u wieħed ma jistenniex minnha, li timxi bl-istess proċedura li l-Liġi timponi fuq il-Qrati ordinarji. Dan però qatt ma fisser, la taħt id-Dritt Pubbliku Ingliż u anqas taħt tagħna, li l-amministrazzjoni fejn qed tieħu deċiżjonijiet kontestati miċ-ċittadin għandha d-dritt li tinjora l-prinċipju ta' ġustizzja naturali. Dan il-prinċipju ġie diversi drabi ribadit minn din il-Qorti in materja ta' 'judicial review' ta' deċiżjonijiet ta' tribunali amministrattivi, iżda m'hemmx dubju li għandu jiġi osservat ukoll f'kull kamp ta' eżerċizzju ta' diskrezzjoni ta' l-amministrazzjoni meta din taġixxi fi kwalità kważi-ġudizzjarja. F'Sciberras v. Housing Secretary (21/07/73) l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili kienet, wara snin ta' titubanzi fir-rigward ta' safejn il-Qrati Ordinarji jistgħu jinvestigaw l-operat ta' l-Amministrazzjoni, stabbiliet dan il-prinċipju b'mod ċar u din il-Qorti ma teżitax, anqas għal mument wieħed biss, milli tiddikjara l-adeżjoni tagħha miegħu mingħajr ma tħoss il-ħtieġa li toqgħod tara x'qalu u x'jaħsbu l-Qrati Ingliżi jew l-awturi fuq id-Dritt Amministrattiv u Kostituzzjonali Ingliż fir-rigward. Jiżdied biss li llum anki fil-kamp Ingliż huwa aċċettat il-prinċipju li l-kunċett ta' ġustizzja naturali m'għandux jiġi ristrett biss għaż-żewġ massimi ta' audi alteram partem u nemo judex in causa propria, iżda għandu jiġi applikat estensivament biex jinkludi wkoll, inter alia, id-dritt taċ-ċittadin li jkun jaf fuq liema kriterji u fuq liema bażi ta' raġunament id-deċiżjoni meħuda kontrih ġiet milħuqa. Din il-Qorti tħossha konvinta li jekk il-fondatezza ta' dan il-prinċipju hija ċara biżżejjed anki fuq bażi ta' prinċipji bażiċi ta' ġustizzja naturali, l-istess hija lampanti f'każijiet bħal dak preżenti fejn iċ-ċittadin għandu dritt jappella quddiem it-Tribunal kostitwit b'liġi bħalma hu l-Bord ta' Kummissarji Speċjali għaliex jekk iċ-ċittadin anqas ma jkunx jaf fuq liema bażi ttieħdet id-deċiżjoni kontrih, kif ser ikun jista' jimmotiva l-appell tiegħu? Stabbilit dan, din il-Qorti tagħmilha ċara wkoll li fl-ipproċessar ta' objection u d-deċiżjoni relattiva li biha l-Kummissarju tat-Taxxi Interni jiddeċiedi li ma jilqax l-istess li għandha tiġi kkomunikata lit-taxpayer, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni bla dubju ta' xejn ikun qed jaġixxi fil-kwalità kważi-ġudizzjarja. Isegwi għalhekk li l-prinċipju msemmi għandu jiġi osservat minnu skrupolożament. Fl-aħħarnett, jiżdied ukoll li anki kieku kellhom jittieħdu l-kliem ta' l-Artikolu 65(6) tal-Kap.123* - illum l-Artikolu 33(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta - *bl-ebda tiġbid ta' l-immaġinazzjoni ma jista' wieħed jifhem li l-liġi kienet qed tistabilixxi kif tkun l-'order in writing' iżda biss il-Kummissarju tat-Taxxi Interni għandu d-dover li jagħti deċiżjoni miktuba.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deċiża fit-23 ta' Mejju 2008, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) osservat illi *in linea ta' prinċipju*

*ġenerali huwa ben saldat, kemm fid-duttrina legali kif ukoll fil-ġurisprudenza tagħna u dik estera, illi l-motivazzjoni hi ta' essenza ta' kull deċiżjoni, sija jekk din hi waħda ġudizzjarja jew kważi-ġudizzjarja, sija jekk hi waħda sempliċement amministrattiva. Kull min hu msejjaħ biex jagħti l-ġudizzju tiegħu għandu fil-minimu, anke jekk mhux b'mod approfondit, jipprovdi r-raġuni tad-deċiżjoni tiegħu in kwantu minn din l-istess raġuni ikun jista' jiġi dedott l-iter loġiku segwit u dak tar-raffront bejn ir-rikjest u d-deċiżjoni. Ara, b'eżemplari, is-sentenzi fl-ismijiet "Anthony Ellul Sullivan noe v. Lino C. Vassallo et noe" Prim' Awla, Qorti Ċivili 2 ta' Ġunju 1983 per Imħallef Maurice Caruana Curran, "AB v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud" (Kawża Nru. 4 dwar il-VAT), "Michael Gatt v. L-Awtorità ta' l-Ippjannar" Appell, 19 ta' Novembru 2001 u "Mary Zarb v. Emma Azzopardi noe" Appell mit-Tribunal għal Talbiet tal-Konsumaturi, 28 ta' Marzu 2007. F'dawn is-sentenzi kollha, u bosta oħrajn ta' l-istess portata, il-Qrati issenjalaw il-prinċipju illi l-parti għandu jkollu s-sodisfazzjoni li jkun jaf ir-raġuni il-għala r-rikjesta tiegħu tkun qed tiġi miċħuda jew akkolta. Dan, wara kollox, mhux ħlief applikazzjoni sobrija tar-regola fundamentali "audi et alteram partem" għal liema tikkollega ruħha wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell kolleġġjali fil-kawża Nru. 160, 4 ta' Marzu 1992 ċitata mill-Bord* (A.B. v. Kummissarju tat-Taxxi Interni - iktar 'l fuq ċitata). *Dan premess, ma jidhirx li jista' jiġi negat illi l-Kummissarju appellanti għandu, skond il-liġi, poteri ta' 'quasi judicial discretion'. Fl-istadju tal-konsiderazzjoni ta' l-avviż ta' oġġezzjoni mit-taxpayer hu jaġixxi qisu Qorti u dan jobbligah li f'każ ta' rifjut ta' oġġezzjoni sottomessa lilu huwa għandu jagħti r-raġuni li tkun wasslitu għal dik id-deċiżjoni tiegħu. Huwa għandu, fi kliem ieħor, jforni dik ir-raġuni li tqiegħed in riljev dak li hu neċessarjament suffiċjenti biex jikjarixxi u jissorreġġi r-ratio tad-deċiżjoni tar-rifjut tiegħu. Is-sens komuni u r-regola ta' ġustizzja naturali fuq aċċennata ċertament jesiġu illi t-taxpayer għandu jitqiegħed in grad li adegwatament jikkontesta dak l-istess rifjut fit-tfassil tal-gravami tiegħu fl-appell lill-Bord, u l-aktar għall-fini li fil-fażi proċesswali quddiem dan l-istess Bord, ikun f'qagħda li jiddiżempenja ruħu kif jixraq mill-piż gravanti fuqu billi juri li l-likwidazzjoni tat-taxxa mill-Kummissarju għandha titwarrab għax hi eċċessiva jew għal xi motiv legali ieħor. Jekk hu dejjem desiderabbli li l-istħarriġ, anke wieħed kważi-ġudizzjarju, ikun supplit bir-rekwiżit formali tal-motivazzjoni, li trid ukoll tkun waħda intrinsikament idoneja u mhux merament apparenti, huwa ferm importanti li jiġi sottolineat illi, wisq raġjonevoli, għall-iskop li jkun adempit l-obbligu tal-motivazzjoni, min għandu jiġġudika mhux tenut jikkonfuta l-arogmenti kollha prospettati mill-parti imma hu suffiċjenti li hu jagħti ħjiel ta' dawk l-elementi li fuqhom ikun sawwar il-konvinċiment tiegħu. ... Id-dottrina proċedurali tinsenja illi, impliċitament, iċ-ċirkustanzi u r-riljievi l-oħra li setgħu ġew sollevati, ankorke ma jiġux speċifikatament imsemmija, għandhom loġikament jitqiesu inkompatibbli mad-deċiżjoni addottata.*

Fil-każ in eżami, wara l-istadju ta' l-oġġezzjoni d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ħareġ fil-konfront tar-Rikorrent l-Avviż ta' Likwidazzjoni Rifjut għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006[41] **kif ukoll** Avviż tar-Rifjut ta' Oġġezzjoni għal kull sena ta' stima in kwistjoni[42]. F'kull wieħed mill-Avviżi ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni hemm indikat b'mod ċar: *nirreferi għall-oġġezzjoni tiegħek bid-data 29/08/2008 kontra*

[41] Fol. 643 sa' 651 tal-proċess, Volum IV.
[42] Fol. 652 sa' 656 tal-proċess, Volum IV.

*l-likwidazzjoni għas-sena hawn fuq imsemmija għar-ragunijiet li: ma ngħatatx raġuni mir-rikorrent. L-oġġezzjoni tiegħek ġiet kkunsidrata iżda d-Direttur Ġenerali ma jistax jilqagħha għar-raġuni/raġunijiet li:* ***ma ddikjarajtx il-qliegħ kollu li kellek min-negozju kif dovut skond l-Artikolu 4(1)(a).*** *Għaldaqstant dan l-avviż għandu jitqies bħala notifika ta' rifjut bil-miktub mid-Direttur Ġenerali għall-iskopijiet tas-subartikolu 33(5) ta' l-Att. Mingħajr preġudizzju għal xi passi oħra li d-Direttur Ġenerali jista' jidhirlu li għandu jieħu, il-likwidazzjoni in kwistjoni qed tiġi/jiġu determinata/i skond is-subartikolu 33(5), kif ġej ...* f'kull Avviż ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) illikwida t-taxxa dovuta għas-sena ta' stima partikolari.

Mill-Avviżi ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni jirriżulta għalhekk li d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ċaħad l-oġġezzjoni tar-Rikorrent u llikwida t-taxxa dovuta skond kif indikat fid-deċiżjoni kif ukoll fl-Avviż ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa Rifjut għas-snin ta' stima in kwistjoni, in bażi għar-raġuni li fil-fehma tiegħu r-Rikorrent ma ddikjarax il-qligħ kollu li kellu min-negozju tieghu kif dovut skond l-Artikolu 4(1)(a) tal-Kap.123 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ikkunsidrati dawn il-fatti fid-dawl tal-prinċipji ġuridiċi iktar 'l fuq ċitati, it-Tribunal huwa tal-fehma li l-Avviżi ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni maħruġa mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fil-konfront tar-Rikorrent għal kull sena ta' stima mertu tal-proċeduri odjerni huma suffiċjentament motivati u b'hekk ma jistgħux jitqiesu - la huma u lanqas l-Avviżi ta' Likwidazzjoni ta' Taxxa Rifjut - li huma nulli.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk it-Tribunal iqis li l-ewwel aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu u permezz ta' liema jinvoka n-nullità tad-deċiżjonijiet ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u tal-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jistħoqqx li jiġi milqugħ.

Trattat dan l-aggravju, it-Tribunal se jittratta ż-żewġ aggravji l-oħra sollevati mir-Rikorrent in sostenn ta' l-Appell tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006.

**It-Tieni Aggravju - id-Deċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni mogħtija mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ma tirrispettax il-prinċipju ta' ġustizzja naturali u l-prinċipju ta' dritt u għaldaqstant hija nulla u bla bażi:**

Ma hemmx dubju li b'dan l-aggravju r-Rikorrent qed jattakka u jikkontesta l-mod kif id-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu, diskrezzjoni li tirriżulta mill-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta: *meta l-Kummissarju jkun jidhirlu li t-taxxa li għandha titħallas minn persuna għas-sena ta' stima 1999 jew għal xi sena ta' stima sussegwenti tkun ġiet determinata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, il-Kummissarju jista' wara li jqis dawk il-prospett, kotba jew provi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jinġiebu quddiemu jew jinkisbu minnu, skond l-aħjar ġudizzju tiegħu jagħmel stima ta' l-income taxxabbli ta' dik il-persuna, it-taxxa li għandha titħallas fuqu u t-taxxa li għandha titħallas, jew li għandha titħallas lura lil dik il-persuna għal dik is-sena ta' stima, u meta l-*

*Kummissarju wara li jkun għamel stima jkun tal-fehma li xi taxxa tkun ġiet stmata f'ammont inqas minn dak li kellu jiġi ntaxxat, huwa jista', bl-istess mod, jagħmel stima jew stimi addizzjonali…*

Fid-Dritt Amministrattiv huwa prinċipju orami assodat illi *in administrative law natural justice is a well-defined concept which comprises two fundamental rules of fair procedure: that a man may not be a judge in his own cause; and that a man's defence must always be fairly heard. In courts of law and in statutory tribunals it can be taken for granted that these rules must be observed. But so universal are they, so 'natural', that they are not confined to judicial power. They apply equally to administrative power, and sometimes also to powers created by contract. Natural justice is one of the most active departments of administrative law. There are both broad and narrow aspects to consider. The narrow aspect is that the rules of natural justice are merely a branch of the principle of ultra vires. Violation of natural justice is then to be classified as one of the varities of wrong procedure, or abuse of power, which transgress the implied conditions which Parliament is presumed to have intended. Just as a power to act 'as he thinks fit' does not allow a public authority to act unreasonably, or in bad faith, so it does not allow disregard of the elementary doctrines of fair procedure. As Lord Selborne once said: "There would be no decision within the meaning of the statute if there were anything of that sort done contrary to the essence of justice". … it has long been settled law that a decision which offends against the principles of natural justice is outside the jurisdiction of the decision-making authority. … it is to be implied, unless the contrary appears, that Parliament does not authorise by the Act the exercise of powers in breach of the principles of natural justice, and that Parliament does by the Act require, in the particular procedures, compliance with those principles. Thus violation of natural justice makes the decision void, as in any other case of ultra vires. … the rules of natural justice thus operate as implied mandatory requirements, non-observance of which invalidated the exercise of the power*[43].

Il-prinċipji ta' ġustizzja naturali huma: *nemo judex in re sua* u *audi alteram partem:*

***Nemo judes in re sua*** - fir-rigward ta' dan il-prinċipju partikolari, dejjem fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv, jingħad illi *it is self-evident that ministerial or departmental policy cannot be regarded as disqualifying bias. One of the commonest administrative mechanisms is to give a minister power to make or confirm an order after hearing objections to it. The procedure for the hearing of objections is subject to the rules of natural justice in so far as they require a fair hearing and fair procedure generally. But the Minister's decision cannot be impugned on the ground that he has advocated the scheme or that he is known to support it as a matter of policy. The whole object of putting the power into his hands is that he may exercise it according to government policy. … Attempts to represent government policy as objectionable on grounds of natural justice are usually complaints of predetermination, alleging that the effective decision was taken in advance, thus rendering the hearing futile and the result a foregone conclusion*[44].

---

[43] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 372 u 373.
[44] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 339 u 400.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji appena ċitati huwa evidenti li s-sempliċi fatt li l-oġġezzjoni tar-Rikorrent għall-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) ġiet ikkunsidrata u determinata mill-istess Direttur Ġenerali, ma jikkostitwixxix bażi biżżejjed biex jingħad li nkiser il-prinċipju ta' *nemo judex in re sua*. Apparte minnhekk fis-sistema tad-Dritt Amministrattiv nostrali d-deċiżjoni ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi u l-konsegwenti Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa minnu hija soġġetta għall-appell fil-fatt u fid-dritt quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva hekk kif provdut fl-Artikoli 34 u 35 tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-Artikoli 5 u 7 tal-Kap.490 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għalkemm ir-Rikorrent allega li l-investigazzjoni fiskali u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu skattaw minn u huma riżultat ta' vendikazzjoni politika fil-konfront tiegħu, b' uffiċjal partikolari tad-Dipartiment tat-Taxxi jaġixxi, fi kliem ir-Rikorrent stess, bi ħdura lejh[45], tali allegazzjoni tar-Rikorrent ma ġiet minnu bl-edba mod ippruvata u għaldaqstant lanqas minn dan l-aspett ma jista' jingħad li nkiser il-prinċipju ta' *nemo judex in re sua*.

***Audi alteram partem*** - *it is fundamental to fair procedure that both sides be heard: audi alteram partem, 'hear the other side'. This is the more far-reaching of the principles of natural justice, since it can embrace almost every question of fair procedure, or due process, and its implications can be worked out in great detail*[46]. Dan il-prinċipju japplika wkoll għal Awtoritajiet Pubbliċi hekk kif determinat mill-Privy Council fid-deċiżjoni **A.-G v. Ryan (1980)**: *the Minister was a person having legal authority to determine a qustion affecting the rights of individuals. This being so it is a necessary implication that he is required to observe the principles of natural justice when exercising that authority; and if he fails to do so, his purported decision is a nullity* u kif dikjarat minn Lord Diplock quddiem il-House of Lords f'**O'Riley v. Mackman (1983)** *a fair opportunity of hearing what is alleged against him and of presenting his own case is so fundamental to any civilised legal system that it is to be presumed that Parliament intended that a failure to observe it should render null and void any decision reached in breach of this requirement*[47].

Applikat dan il-prinċipju fil-kuntest tad-Dritt Amministrattiv essenzjalment ifisser li *powers of a purely administrative character must be exercised 'fairly', meaning in accordance with natural justice - which after all is only fair play in action. Natural justice is but fairness writ large and judicially. … Where an Act of Parliament confers upon an administrative body functions which involve its making decisions which affect to their detriment the rights of other persons or curtail their liberty to do as they please, there is a presumption that Parliament intended that the administrative body should act fairly towards those persons who will be affected by their decisions*[48]. *A proper hearing must always include a 'fair opportunity to those who are parties in the controversy for correcting or contradicting anything*

---

[45] Vide xhieda mogħtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016, fol. 334 sa' 336 tal-proċess, Volum II.
[46] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 401.
[47] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 415.
[48] R. v. Commissions for Racial Equality ex p. Hillingdon LBC (1982) u Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 415.

*prejudicial to their view. ... Natural justice often requires the disclosure of reports and evidence in the possession of the deciding authority*[49].

Fil-każ in eżami r-Rikorrent allega li huwa ma kienx jaf li kien hemm investigazzjoni da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni fil-konfront tiegħu u li fil-fatt kien ferm mistagħġeb meta rċieva l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006[50], iżda fl-istess nifs jgħid li kull ma ntalab mingħandu mid-Dipartiment huwa dejjem għaddiehulom. Apparte minn hekk mill-provi prodotti mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), b'mod partikolari mill-affidavit ta' Marco Borg u d-dokumenti annessi miegħu[51], jirriżulta li r-Rikorrent kien ġie infurmat bl-investigazzjoni fil-konfront tiegħu, tant illi kien anke ssottometta Statement of Affairs tiegħu u anke parti mid-dokumentazzjoni mitluba mid-Dipartiment, iżda ukoll kien baqa' ma ppreżentax id-dokumentazzjoni kollha pertinenti għas-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu - u dana bla ebda raġuni valida fil-Liġi - u b'mod partikolari dokumentazzjoni importanti bħalma huma kotba tan-negozju u *confirmation letters* mill-Banek li l-kontijiet bankarji minnu sottomessi lid-Dipartiment kienu/huma fil-fatt l-uniċi kontijiet bankarji tiegħu. Meta ressaq l-oġġezzjonijiet tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, apparte li ma tax raġuni/raġunijiet speċifiċi għaliex kien qed joġġezzjona mill-imsemmija Likwidazzjonijiet ta' Taxxa, ir-Rikorrent naqas milli jattendi għall-laqgħat iffissati waqt l-istadju ta' l-oġġezzjoni, ħlief għal laqgħa waħda fejn kull ma għamel kien li jitlob iktar żmien biex jinvolvi awditur biex jgħinu fil-vertenza mad-Dipartiment. Għalkemm ir-Rikorrent ingħata żmien suffiċjenti biex jirregola ruħu u jinvolvi awditur biex jgħinu, huwa baqa' jinjora lid-Dipartiment sakemm fl-aħħar dan ta' l-aħħar kellu jgħaddi għall-ħruġ tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent, illum formanti l-mertu tal-proċeduri odjerni. Dak appuntu riżultanti mill-affidavit ta' Marco Borg ma ġiex kontradett jew imxejjen mir-Rikorrent.

Fid-dawl ta' l-aġir tar-Rikorrent kemm fl-istadju ta' investigazzjoni kif ukoll fl-istadju ta' l-oġġezzjoni, it-Tribunal diffiċilment jista' jqis li l-istess Rikorrent ma ngħatax id-drittijiet lilu spettanti skond il-prinċipju ta' *audi alteram partem*.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat it-Tribunal iqis li t-tieni aggravju fuq liema r-Rikorrent jibbaża l-appell tiegħu mill-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 ma huwiex ġustifikat u b'hekk ma jisħoqqx li jiġi milqugħ.

### It-Tielet Aggravju - l-aggravju fil-mertu:

Fl-affidavit[52] tiegħu Marco Borg, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni), jispjega l-bażi tal-Likwidazzjoni ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tar-Rikorrent għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006. Fir-rigward huwa jiddikjara li *fid-9 ta' Frar 2006 intbagħtet ittra lis-Sur Aquilina li permezz tagħha ingħata*

[49] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.E. Forsyth, 10th Edition, pg 426 u 428.
[50] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2017, fol. 492 sa' 449 tal-proċess, Volum III.
[51] Fol. 513 sa' 656 tal-proċess, Volum IV.
[52] Fol. 513 sa' 519 tal-proċess, Volum IV.

*appuntament għad-22 ta' Frar 2006 fejn intalab jipproduċi l-kotba tal-banek, kotba tan-negozju, kuntratti ta' l-akkwist u tal-bejgħ tal-proprjetà, denunzji tal-VAT u dokumenti relatati ma' spejjeż oħra mitluba fil-komputazzjoni tal-qligħ kapitali għas-sena bażi 2000*[53]*. … id-Dipartiment irċieva "Taxpayer's State of Affairs" fit-30 ta' Marzu 2006, mingħand it-taxpayer fejn dan ta rendikont ta' l-assi u djun li huwa kellu fil-31 ta' Diċembru 2005*[54]*. Xi sena wara id-Dipartiment tat-Taxxi rċieva formola ta' aġġustament għas-sena ta' stima 2001 li permezz tagħha ddikjara dħul minn imgħax lokali minn kotba tal-bank ta' Lm120*[55]*. Effettivament Aquilina fil-formoli tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 1999 sa' 2006*[56] *iddikjara d-dħul kif jidher fit-Tabella Numru 1*[57]*:*

| *Sena ta' stima* | *Profit bejgħ proprjetà* | *Profit minn VAT no. 1220-1407* | *Dħul ieħor* | *Dħul konjuġi* | *Dħul taxxabbli* | *Total taxxa fuq id-dħul* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | *Lm* | *Lm* | | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| *1999* | | *2,863* | *120* | | *2,983* | *0* |
| *2000* | | *3,790* | | | *3,790* | *0* |
| *2001* | *717* | *3,663* | | | *4,380* | *57* |
| *2002* | | *4,866* | | | *4,866* | *129* |
| *2003* | *0* | *5,051* | *0* | *0* | *5,051* | *142* |
| *2004* | *3,956* | *3,374* | | | *7,330* | *525* |
| *2005* | *9,703* | *1,222* | *1,282* | *77* | *12,284* | *2,067* |
| *2006* | *17,491* | *116* | | *529* | *18,136* | *4,115* |

*Fil-laqgħat li XXX kellu ma' uffiċjali tad-Dipartiment, huwa ssottometta diversi dokumenti oħra iżda baqa' ma ppreżentax il-kotba tan-negozju, b'tali mod li l-ebda minn dawn id-dokumenti ma setgħu jiġu rikonċiljati mad-dikjarazzjoni fiskali li għamel għas-sena ta' stima 2001. Inoltre, minkejja illi XXX ppreżenta wkoll xi bank statements mad-dokumenti sottomessi, huwa naqas milli jipprovdi bank confirmation letters li juru li dawk kienu l-uniċi bank accounts li huwa kellu. Illi fl-istess waqt il-bank statements provduti mill-appellant ġew analizzati u wara li rriżulta li d-depożiti magħmula skond dawn il-bank statements kienu iżjed mid-dħul dikjarat mill-istess appellant, huwa ġie mitlub jispjega din id-diskrepanza, imma tali spjegazzjoni baqgħet ma ngħatatx. XXX kien ġie wkoll mitlub jispjega it-transazzjoni li fgħajnejn id-Dipartiment kienet dehret bħala suspettuża meta fkuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà datatat 14 ta' Marzu 2000 għall-valur ta' Lm35,000 Aquilina deher li kien rċieva Lm14,700 fuq il-konvenju u dakinhar li ġie*

[53] Fol. 522 tal-proċess, Volum IV.
[54] Fol. 523 sa' 527 tal-proċess, Volum IV.
[55] Fol. 528 u 529 tal-proċess, Volum IV.
[56] Fol. 530 sa' 589 tal-proċess, Volum IV.
[57] Fol. 514 tal-proċess, Volum IV.

*ffirmat il-kuntratt iddepożita Lm18,809 fil-kont bankarju ta' l-APS u Lm20,300 fil-kont bankarju ta' l-HSBC. L-għada, jiġifieri l-15 ta' Marzu 2000 Aquilina reġa' ddepożita Lm5,640 fil-kont bankarju tiegħu ta' l-HSBC. Id-Dipartiment naturalment kien innota li Aquilina kien irċieva total ta' Lm59,449, jiġifieri differenza ta' Lm24,449 minn dak li kien iddikjara Aquilina fil-kuntratt[58].*

*Permezz ta' ittri datati 3 ta' Ġunju 2008[59], inħarġu erba' avviżi ta' verifika b'referenza għas-snin ta' stima 2003, 2004, 2005 u 2006. Fl-istess ġurnata d-Dipartiment talab lil XXX jipprovdi l-kotba tan-negozju tiegħu flimkien ma' dokumenti oħra relatati għas-snin bażi 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006. Għalhekk fit-12 ta' Lulju 2008, il-Kummissarju ħareġ ħames Avviżi ta' Likwidazzjoni (Oriġinali) għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006[60]. L-istejjem tal-Kummissarju kienu kif jidher fit-Tabella Numru 2:*

| *Sena ta' Stima* | *Nru. ta' l-Avviż* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn VAT no. 1220-1707 Kif dikjarat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn VAT no. 1220-1707 Kif assessjat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn bejgħ ta' proprjetà Kif dikjarat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn bejgħ ta' proprjetà Kif assessjat* |
|---|---|---|---|---|---|
| | | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| *2001* | *2617818* | *3,663* | *20,820* | *717* | *26,372* |
| *2003* | *2617826* | *5,051* | *38,869* | | |
| *2004* | *2617831* | *3,374* | *71,391* | *3,956* | *38,012* |
| *2005* | *2617838* | *1,222* | *12,478* | *9,703* | *60,433* |
| *2006* | *2617844* | *116* | *45,750* | *17,491* | *63,070* |

*XXX oġġezzjona għall-istejjem maħruġa kontra tiegħu permezz ta' tmien Avviżi ta' Oġġezzjoni permezz ta' ittri datati 12 ta' Awwissu 2008, li kienu mehmuża ma' l-Avviżi ta' Oġġezzjoni[61]. Matul il-kors ta' l-oġġezzjoni d-Dipartiment bagħat żewġ ittri għall-appuntament datati 12 ta' Lulju 2010 u 23 ta' Novembru 2010[62]. F'dawn l-ittri reġgħu ntalbu mingħand l-appellant il-kotba tal-banek u bank statements (kemm lokali u kemm barranin) li kienu għadhom ma ġewx sottomessi lid-Dipartiment; Irċevuti dwar kostruzzjoni/benefikati fuq il-proprjetà mibjugħa; Irċevuti dwar spejjeż oħra mitluba fil-komputazzjoni tal-qligħ kapitali; Kotba tan-negozju u d-dokumenti relatati; Ittra mingħand il-banek lokali li turi l-kontijiet li l-appellant kellu magħhom matul is-snin ta' stima in kwistjoni; Spjega tad-depożiti li saru matul is-snin ta' stima in kwistjoni. L-appellant attenda l-appuntament tat-*

[58] Fol. 590 sa' 602 tal-proċess, Volum IV.
[59] Fol. 603 sa' 607 tal-proċess, Volum IV.
[60] Fol. 608 sa' 616 tal-proċess, Volum IV.
[61] Fol. 617 sa' 626 tal-proċess, Volum IV.
[62] Fol. 627 u 628 tal-proċess, Volum IV.

*22 ta' Lulju 2010 fejn fih spjega li kien għaddej minn żmien diffiċli kemm mill-lat finanzjarju u kemm mill-lat familjari, u talab iżjed żmien sabiex jottjeni l-għajnuna ta' awditur. ... Minkejja li XXX ma pprovda l-ebda informazzjoni ġdida fl-istadju ta' l-oġġezzjoni l-uffiċjali tad-Dipartiment xorta rreveda l-istejjem maħruġa. F'dan l-istadju rrestrinġew ruħhom esklussivament fuq id-depożiti li saru minn XXX fil-kotba bankarji tieghu. Matul il-kors ta' l-investigazzjoni kienu ġew analizzati d-depożiti li Aquilina kien għamel fil-kotba bankarji tiegħu. Huwa importanti li nsemmi li l-Dipartiment baqa' qatt ma rċieva konferma mingħand il-banek lokali li dawna kienu l-uniċi kotba bankarji li XXX kellu. Għaldaqstant l-uffiċjali tad-Dipartiment analizzaw il-kotba bankarji kif jinsab fl-Tabella Numru 3[63]:*

- Sena ta' Stima 2001 - Total ta' Depożiti Lm82,139.05
- Sena ta' Stima 2003 - Total ta' Depożiti Lm80,351.77
- Sena ta' Stima 2004 - Total ta' Depożiti Lm159,041.40
- Sena ta' Stima 2005 - Total ta' Depożiti Lm80,120.37
- Sena ta' Stima 2006 - Total ta' Depożiti Lm78,515.55

*Dawn id-depożiti ġew imqabbla mad-dħul li ġie ddikjarat minn Aquilina u fit-Tabella Numru 4[64] hemm analizi tad-diskrepnza mhux spjegata li l-uffiċjali tad-Dipartiment sabu bejn dak li XXX ddepożita fil-kotba bankarji tiegħu u dak li huwa stess iddikjara mill-bejgħ minn negozju li kellu fuq il-monti u mill-bejgħ tal-proprjetà.* Id-differenza li rriżultat f'dan l-istadju bejn id-dħul dikjarat mir-Rikorrent u d-depożiti fil-kontijiet bankjari tiegħu hija s-segwenti:

| | Y/A 2001 | Y/A 2003 | Y/A 2004 | Y/A 2005 | Y/A 2006 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| Total Depożiti | 82,139 | 80,351 | 159,041 | 80,120 | 78,515 |
| Total Dħul | 71,363 | 78,887 | 87,731 | 66,693 | 62,333 |
| Differenza | 10,776 | 1,464 | 71,310 | 13,427 | 16,182 |

*Jidher ċar li XXX kellu dħul li ma kienx qiegħed jiġi ddikjarat u dan wassal biex id-Dipartiment prova jasal għall-kalkoli iktar realistiċi tad-dħul ta' Aquilina. Dan għamlu permezz ta' kalkoli li qegħdin jiġu hawn annessi* - fol. 629 sa' 642 tal-proċess, Volum IV. *F'dawn il-kalkoli l-uffiċjali tad-Dipartiment id-dħul ta' Aquilina tqassam f'żewġ setturi, dak tal-bejgħ fuq il-monti li d-Dipartiment assuma Mark Up ta' 33% fuq il-'cost of sales' filwaqt li peress li Aquilina naqas milli jipproduċi irċevuti sabiex ikun jista' jissosstanzja l-ispejjeż, l-uffiċjali ħassew li kellhom jaċċettaw biss nofs ta' l-ispejjez mitluba minn Aquilina. Mit-Tabella Numru 5[65] joħroġ kif id-Dipartiment wasal għall-istima tiegħu dwar id-dħul mill-bejgħ fuq il-monti:*

[63] Fol. 516 tal-proċess, Volum IV.
[64] Fol. 516 tal-proċess, Volum IV.
[65] Fol. 517 tal-proċess, Volum IV.

| | 2001 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |
| *Trading:* | | | | | |
| *Sales (Declared)* | *31,620* | *68,598* | *52,375* | *16,266* | *956* |
| *Additional Sales (Deemed)* | *3,727* | *14,794* | *12,810* | *3,204* | |
| *(33% mark up on declared cost of sales)* | *35,347* | *83,392* | *65,185* | *19,470* | *956* |
| | | | | | |
| *Cost of Sales (Declared)* | *(26,577)* | *(62,701)* | *(48,468)* | *(14,639)* | |
| *Gross Profit (Deemed) C/Fwd* | *8,770* | *20,691* | *16,717* | *4,831* | *956* |
| *Expenses:* | | | | | |
| *Declared* | *1,380* | *846* | *532* | *405* | *840* |
| *Less: 50% (rejected)* | *(690)* | *(423)* | *(266)* | *(203)* | *(420)* |
| *Expenses (Deemed)* | *690* | *423* | *266* | *203* | *420* |
| | | | | | |
| *Trading Income Assessed* | *8,080* | *20,268* | *16,451* | *4,629* | *536* |

*In-negozju l-ieħor dak tal-bejgħ tal-proprjetà ġie analizzat mod ieħor u dan sar billi l-kuntratti ġew analizzati billi ġie miżjud 54% mark up. Spjega ta' dan tinstab fit-tabella Numru 6*[66]*. Bħal fil-każ ta' l-ispejjeż tal-bejgħ fuq il-monti peress li Aquilina baqa' qatt ma ġab irċevuti jew spjegazzjoni dwar l-ispejjeż li huwa għamel id-Dipartiment ħass li kellu jaċċetta bin-nfos l-ispejjeż mitluba:*

| | 2001 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 |
|---|---|---|---|---|---|
| | Lm | Lm | Lm | Lm | Lm |

[66] Fol. 518 tal-proċess, Volum IV.

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| *Property Trading* | | | | | *84,000* |
| *Sales (Declared)* | *35,000* | | *55,000* | *95,000* | *84,000* |
| *Additional Proceeds from Sales (Deemed)* | *18,000* | | *31,000* | *27,000* | *8,000* |
| | *53,000* | *-* | *86,000* | *122,000* | *92,000* |
| | | | | | |
| *Cost of Acquisition* | *32,100* | | *16,386* | *31,914* | *21,925* |
| *Cost of Completion* | *2,183* | | *31,700* | *47,492* | *37,913* |
| *Total Costs (Declared)* | *34,283* | *-* | *48,086* | *79,406* | *59,838* |
| | | | | | |
| *Cost of Completion Rejected (50%)* | *(1,092)* | | *(15,850)* | *(23,746)* | *(18,956)* |
| *Total Costs (Deemed)* | *33,191* | *-* | *32,236* | *55,660* | *40,882* |
| | | | | | |
| *Deemed Profit from Sale of Property* | *19,809* | *-* | *53,764* | *66,340* | *51,118* |
| | | | | | |
| *Appellant's % Share of Profit* | *100.00%* | | *57.22%* | *62.72%* | *74.40%* |
| | | | | | |
| *Property Trading Income Assessed* | *19,809* | *-* | *30,762* | *41,611* | *38,034* |

*L-uffiċjali tad-Dipartiment li kienu qed imexxu l-istadju ta' l-oġġezzjoni użaw din il-bażi sabiex jaslu għal dak dovut fis-snin ta' stima l-oħra u cioè 2001, 2003, 2004,*

*2005 u 2006 biex b'hekk, kif wieħed jista' jara, l-istima oriġinali ġiet imnaqqsa sostanzjalment. ... għalhekk fis-26 ta' Ottubru 2012, il-Kummissarju tat-Taxxi Interni ħareġ ħames Avviżi ta' Likwidazzjoni (Rifjut) għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006*[67] *u fl-istess ġurnata ħames avviżi ta' Rifjut ta' Oġġezzjoni*[68]*. Ir-raġuni mogħtija għal tali rifjut kienet li "ma ddikjaratx il-qligħ kollu li kellek minn negozju kif dovut skodn l-Artikolu 4(1)(a)". L-Avviżi ta' Likwidazzjonijiet (Rifjut) kienet kif ġej:*

| *Sena ta' Stima* | *Nru. Ta' l-Avviż* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn VAT No. 1220-1707 Kif Dikjarat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn VAT No. 1220-1707 Kif Assessjat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn bejgħ ta' proprjetà Kif Dikjarat* | *Dħul minn sengħa, negozju, professjoni eċċ minn bejgħ ta' proprjetà Kif Assessjat* | *Taxxa Dovuta* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* | *Lm* |
| *2001* | *4015444* | *3,663* | *8,080* | *0* | *19,809* | *7,903* |
| *2003* | *4015447* | *5,051* | *20,268* | *0* | *0* | *5,048* |
| *2004* | *4015449* | *3,374* | *16,451* | *3,956* | *30,762* | *14,292* |
| *2005* | *4015451* | *1,222* | *4,629* | *9,703* | *41,611* | *14,427* |
| *2006* | *4015453* | *116* | *536* | *17,491* | *38,034* | *11,452* |

*Tul il-kors tal-verifika u ta' l-oġġezzjoni l-Kummissarju ripetutament talab li tiġi ppreżentata dokumentazzjoni kruċjali għal investigazzjoni li kienet qed tiġi mmexxija iżda d-dokumenti mogħtija kienu limitati ħafna u ftit li xejn kienu t'għajnuna sabiex huwa seta' jagħmel il-verifiki tiegħu u ta' dak dikjarat minn XXX, kif ġie spjegat iktar 'l fuq.*

Minn dak dikjarat minn Marco Borg jirriżulta li d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi bilfors kellu jagħmel ċerta assunzjonijiet dwar id-dħul tar-Rikorrent peress illi dan naqas milli jipprovdi lid-Dipartiment dokumentazzjoni essenzjali għall-verifiki li kienu qed isir fil-konfront tiegħu - senjatament naqas milli jippreżenta l-kotba tan-negozju tiegħu u dokumentazzjoni in sostenn ta' l-ispejjeż minnu reklamati - u naqas milli jagħti spjega tad-differenza li rriżultat bejn id-depożiti bankarji li rriżultaw mill-istatements of accounts minnu stess sottomessi lid-Dipartiment u d-dħul kif dikjarat minnu fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni. Naturalment una volta li l-Kummissarju kellu jagħmel ċerta assunzjonijiet, ried joqgħod attent u jaċċerta ruħu li l-istess ikunu raġjonevoli u mhux tali li ma hemmx spjegazzjoni loġika għalihom. Jidher ċar fil-fatt li fl-istadju ta' l-oġġezzjoni - liema stadju finalment wassal għall-ħruġ tal-

[67] Fol. 643 sa' 651 tal-proċess, Volum IV.
[68] Fol. 652 sa' 656 tal-proċess, Volum IV.

Likwidazzjonijiet ta' Taxxa kontestati bil-proċeduri odjerni - il-Kummissarju, minkejja l-oġġeżżjonijiet fil-fehma tiegħu dgħajjfa u n-nuqqas ta' interess tar-Rikorrent tul dan l-istadju, irreveda l-*workings* kif magħmula fl-istadju ta' l-investigazzjoni u wasal għal figuri ferm iktar raġonevoli minn dawk li ħarġu appuntu fl-istadju ta' investigazzjoni.

Fir-rigward Marco Borg, fix-xhieda li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Mejju 2015[69], iddikjara li *l-assumptions li kienu fil-bidu naħseb li raw id-depożitu mal-kuntratt u qalu li dan id-depożitu li sar ma' dan il-kuntratt huwa ħafna għoli mela il-bejgħ tal-kuntratti l-oħra għandu jkun daqshekk li ma kienetx tagħmel sens, fis-sens illi ma jfissirx li għax dak il-bejgħ kien għoli ħafna għandna nimxu fuqu. Fi stadju t'oġġezzjoni meta l-persuni l-oħrajn reġgħu raw l-analiżi li kienet saret at first instance, bażikament raw li aħjar li l-affarijiet jinbidlu u għamlu żewġ tipi ta' analiżi, għamlu analiżi fejn jidħol bħala hawker u kienet fuq bażi ta' assumption li qal li jieħsdu bħala bejgħ 33% fuq il-cost of sales imbagħad l-oħra għamlu assumption based dik li l-mark up kien 53.85%. Meta dawn qabbluhom mad-depożiti li saru ġew li kienu bejn wieħed u ieħor jagħmlu sens u ma kienx hemm diskrepanzi kbar biex ngħid hekk. … Bażikament din kienet comparison mad-deposits, din l-analiżi kienet fejn rajna d-deposits tas-Sur Aquilina ħalli dak li ddepożita rridu nipprovaw insibdu spjegazzjoni għaliha, la l-ispjegazzjoni ma ġietx mingħand it-taxpayer, ippruvajna aħna nsibu spjegazzjoni għaliha. Biex inkunu bejn wieħed u ieħor konservattivi kien jagħmel sens it-33% bħala hawker u ma' dan tnaqqsu 50% ta' l-ispejjeż ukoll jiġifieri l-ispejjeż bħala l-operation ta' hawker u dawk ukoll tnaqqsu 50% minnhom. Il-problema kienet li jekk inti m'għandek xejn f'idejk, xi forma ta' deċiżjoni trid tittieħed.*

Minn dan kollu għalhekk jirriżulta li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa fil-konfront tar-Rikorrent għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 huma bbażati fuq u relattivi għal *unexplained deposits* fil-kontijiet bankarji tar-Rikorrent li dwarhom huwa baqa' ma ta l-ebda spjegazzjoni lid-Dipartiment u spejjeż reklamati mir-Rikorrent fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni li ma ġewx minnu sodisfaċentement ġustifikati u korroborati lid-Dipartiment tat-Taxxi.

Huma dawn l-aspetti li kjarament għandhom jiġu debitament indirizzati mir-Rikorrent biex jipprova li, kif minnu pretiż, il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 huma eċċessivi.

**Dħul tar-Rikorrent:**

Minn eżami tal-provi prodotti jirriżulta ferm ċar li r-Rikorrent bl-ebda mod, u wisq inqas b'mod sodisfaċenti, ma spjega d-differenza bejn id-depożiti bankarji tiegħu u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri.

Ir-Rikorrent, minflok ma pprova jagħti spjega ta' din id-differenza, differenza li del resto ma ħarġix biha d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) mill-ajru imma tirriżulta

[69] Fol. 291 sa' 296 tal-proċess, Volum II.

mill-*istatements of account* tal-kontijiet bankarji tar-Rikorrent stess u minnu sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni, u mid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu stess u, hawn ukoll, minnu stess sottomessi lid-Dipartiment Interni, illimita ruħu li jallega li l-investigazzjoni fiskali u l-konsegwenti Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 skattaw minn u huma riżultat ta' vendikazzjoni politika fil-konfront tiegħu u aġir bi ħdura lejh da parte tad-Dipartiment tat-Taxxi Interni[70], allegazzjoni din li għad illi evidentement frivola u vessatorja, lanqas kellu l-ħila jittenta jressaq imqar l-iċken prova fir-rigward.

In kwantu rigwarda Joseph Sammut[71], ir-rappreżentant tar-Rikorrent f'dan l-aħħar stadju tal-vertenza tiegħu mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni, filwaqt li ddikjara li *naf illi l-assessments ħarġu minħabba li d-Dipartiment ma kienx konvint illi d-dħul mix-xogħol tiegħu* [tar-Rikorrent] *ma kienx korrett skond id-Dipartiment u minħabba l-fatt illi kellu bejgħ ta' proprjetà illi skond id-Dipartiment allura l-profitt kellu jkun iktar milli hu*, inkredibilment kompla jżid *fuq il-kwistjoni tal-bank deposits ma dħaltx għaliex mill-esperjenza li għandi, il-bank deposits, filwaqt li jistgħu jkunu indikattivi ta' xi ħaġa illi inti ma ddikjarajthiex però mhux dejjem u ġara f'każijiet partikolari fl-esperjenza li kelli fix-xogħol tiegħi illi jekk jittieħdu l-bank deposits, fil-fatt ikun imbagħad mhux assessment tajjeb. Jiġifieri allura, filwaqt li l-bank deposits jistgħu jkunu indikattivi però mhumiex finali* ... Għall-mistoqsija *mela jiġifieri inti ma rrikonċiljat xejn mill-bank deposits? Jiġifieri mhux qed ngħidlek 100%, inti minnhom irrikonċiljat xi ħaġa*, Joseph Sammut wieġeb *le mill-bank deposits jien mhux injorajthom għaliex rajthom u rajt li kien hemm iktar depożiti, però ma ppreġudikawlix l-posizzjoni tiegħi rigward il-każ tas-Sur Aquilina*. Wara li stqarr li huwa eżamina u analizza d-dokumentazzjoni li tah ir-Rikorrent fir-rigward tan-negozju tal-monti u tan-negozju ta' bejgħ ta' proprjetà, għall-mistoqsija tat-Tribunal *allura meta mbagħad bdejt tara li bejn dawn id-dokumentazzjoni u x'effettivament kellu deposits il-bank ma bdejtx taqbel, x'għamilt?* Joseph Sammut wieġeb *jiena naf illi d-dipartiment ibbaża ħafna mis-sitwazzjoni fuq id-depożiti. Jiena rajthom dawn. Fil-verità hemm iktar depożiti però mhumiex l-ismoking gun biex ngħidu hekk illi dan kellu iktar bejgħ*. Għall-mistoqsija ulterjuri tat-Tribunal *imma t-taxpayer irid jispjega minn fejn huma ġejjin. Jiġifieri per eżempju wieħed jista' jispjega li ġejjin minn wirt jew whatever, imma spjegazzjoni ta' xejn, hemm qegħdin?* Joseph Sammut wieġeb *naħseb illi forsi ma spjegatx ruħi biżżejjed. Fl-evalwazzjoni li għamilt jiena, din il-kwistjoni tal-bank deposits jiena ssorveljajtha, jiġifieri mhux qbiżtha imma ma kellhiex inċidenza fuq l-evalwazzjoni tiegħi. Jiġifieri jiena filwaqt li verament hemm bank deposits iktar milli suppost, però jiena ma jinċidulix għaliex il-bank deposits u ħa nerġa' nirrepeti, filwaqt li jistgħu jkunu indikattivi però mhumiex effettivament għaliex rajt ħafna każijiet illi jkunu ġejjin minn affarijiet oħra*. Għall-osservazzjoni tat-Tribunal *appuntu, imma jrid ikun hemm il-prova ta' dawn l-affarijiet oħra x'inhuma*... Joseph Sammut wieġeb *iva imma jiena ma dħaltx f'dik il-parti*.

Joseph Sammut kompla jixhed kif ikkonsidra l-każ tar-Rikorrent hu u cioè *l-assessments jidhru ċari u huma bbażati fuq il-bejgħ tal-proprjetà għaliex*

[70] Vide xhieda mogħtija mir-Rikorrent waqt is-seduta tat-13 ta' Ġunju 2016, fol. 334 sa' 336 tal-proċess, Volum II.
[71] Xhieda mogħtija fis-6 ta' April 2017, fol. 504 sa' 510 tal-proċess, Volum III.

*hemmhekk qiegħda c-chunk ta' l-assessments. Allura jiena kważi kważi l-kwistjoni tax-xogħol tal-monti huwa xi ħaġa illi relattivament hija innokwa. Allura fuq il-kwistjoni tal-proprjetà mxejt fuq il-metodoloġija li jimxi d-dipartiment normali fl-esperjenza li għandi f'taxpayers oħrajn illi hija illi jasal għall-konklużjoni ta' 30% in sales u fil-fatt kont qed nisma' awditur qabli hawnhekk u kien qed jgħid fuq il-kwistjoni ta' 25, jiena l-istandard li juża' għal snin twal jiġifieri mill-esperjenza li għandi jiġifieri snin twal illi mexa d-dipartiment f'każijiet li ma jistgħux jiġu riżolti b'mod ieħor però t-taxpayer ikollu l-volontà li jirranġa huma li jasal fuq 30% on sales li mhijiex persentaġġ xjentifiku.* Mistoqsi *issa meta inti għidtli li ma tantx tajt weight lill-bank statements, għal li jista' jkun kien hemm każ minnhom fejn kien hemm 3 depożiti fil-bank accounts, wieħed APS u tnejn HSBC, fejn dawn kienu li kien hemm proprjetà li kienet inbiegħet għal Lm35,000. Is-Sur Aquilina kien iddepożita fi 3 accounts Lm18,000 fl-APS, Lm20,000 u Lm45,000 fl-HSBC. Għalik dik ma tajtx kasha?* Joseph Sammut wieġeb *il-kwistjoni tal-bank deposits jiena għalija ma inċiditlix fuq il-kwistjoni ta' l-assessments jekk humiex tajbin jew le jew inkella jekk l-istatements li ddikjara huwa kienux korretti jew le, jiġifieri hija xi ħaġa li ma affettwatlix l-evaluation tiegħi.*

It-Tribunal assolutament ma jistax jifhem il-loġika wara x-xhieda ta' Joseph Sammut u wara l-evalwazzjoni li huwa jikkontendi li għamel tal-każ tar-Rikorrent u lanqas jista' jifhen kif Joseph Sammut jippretendi li dak minnu dikjarat jista' jiġi aċċettat bħala korrett fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.

F'każ fejn mid-dokumentazzjoni sottomessa lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni mir-Rikorrent stess tirriżulta differenza piuttost sostanzjali bejn id-depożiti bankarji tiegħu u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, huwa inkonċepibbli kif tali differenza ma tiġix indirizzata. Għalkemm Joseph Sammut jgħid li huwa din il-kwistjoni ma injorahiex, fil-verità dak huwa eżattament li għamel. Huwa kkunsidra l-każ tar-Rikorrent u argumenta favur l-istess minn aspett li bl-ebda mod ma jindirizza l-kwistjoni fondamentali tal-vertenza bejn ir-Rikorrent u d-Dipartiment tat-Taxxi Interni, ossia, jiġi ribadit, id-differenza piuttost sostanzjali bejn id-depożiti bankarji tar-Rikorrent u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni. Il-kontenzjoni ta' Joseph Sammut li f'analiżi tad-dħul ta' taxpayer id-depożiti, ossia l-*over-deposits* tiegħu, ma humiex il-qofol ta' kollox jista' jkollha fondament **biss** fl-eventwalità li dawk l-*over-deposits* jiġu, ta' l-inqas f'parti sostanzjali, spjegati u ġustifikati mit-taxpayer, iżda ċertament mhux meta, bħal fil-każ tar-Rikorrent, ma jkun hemm spjega u ġustifikazzjoni ta' xejn, la fl-istadju ta' l-investigazzjoni fil-konfront tar-Rikorrent, la fl-istadju ta' l-oġġezzjoni tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa Oriġinali maħruġa fil-konfront tiegħu u lanqas fl-istadju ta' l-appell.

Il-mod kif Joseph Sammut indirizza l-kwistjoni u cioè li għan-negozju tal-bejgħ ta' proprjetà japplika persentaġġ ta' profitt ta' 30%, skontu mill-esperjenza tiegħu n-norma applikata mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni f'dawn il-każijiet, filwaqt li għan-negozju tal-bejgħ minn fuq il-monti joqgħod mal-persentaġġ ta' 33% applikat mid-Dipartiment, xorta waħda jħalli diskrepanza notevoli u inspjegabbli bejn id-depożiti tar-Rikorrent u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu. In verità

mix-xhieda ta' Marco Borg[72] jirriżulta li anke bl-applikazzjoni tal-persentaġġi ta' 54% għan-negozju tal-bejgħ ta' proprjetà u ta' 33% għan-negozju ta' bejgħ fuq il-monti, irriżultat diskrepanza ta' Lm12,000 li baqgħet bla spjegazzjoni, aħseb u ara dak li jifdal bl-applikazzjoni tal-persentaġġi indikati minn Joseph Sammut li *ex admissis* bl-ebda mod ma jindirizzaw u jippruvaw jiġġustifikaw id-differenza bejn id-depożiti bankarji tar-Rikorrent u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk jirriżulta b'mod mill-iktar ċar li r-Rikorrent ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfaċenti li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa da parte tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi in kwantu rigwarda d-dħul tiegħu minn negozji minnu eżerċitati fis-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, huma eċċessivi.

**Spejjeż reklamati:**

Hekk kif jirriżulta mill-provi prodotti, l-ispejjeż reklamati mir-Rikorrent fid-dikjarazzjonijiet ta' taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 ma ġewx aċċettati mid-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) fl-intier tagħhom stante li ir-Rikorrent ma ġġustifikax dawn l-istess spejjeż. Għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' taxxa d-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) aċċetta biss 50% ta' l-ispejjeż dikjarat mir-Rikorrent fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu.

Fil-kors ta' dawn il-proċeduri, senjatament permezz ta' Nota ppreżentata fit-12 ta' Ġunju 2018[73], ir-Rikorrent esebixxa rendikont finanzjarju tiegħu għall-perijodi in kontestazzjoni[74] u wara li dawn ġew eżaminati mill-Kummissarju tat-Taxxi, dan ta' l-aħħar jidher dispost jaċċetta u jikkonsidra **l-spejjeż** hemm indikati iżda l-posizzjoni dwar **id-depożiti** tibqa' invarjata peress illi ma tirriżultax informazzjoni - u fil-fatt hekk hu - li għandha twassal għal varazzjoni fir-rigward.

Dwar dawn id-dokumenti Marco Borg, rappreżentant tad-Direttur Ġenerali (Taxxi Interni)/Kummissarju tat-Taxxi, xehed[75] *se nsemmi x'kien hemm f'kull envelope illi kien hemm 5 minnhom imbagħad nispjega x'tip ta' xogħol sar fuqhom.*

- *Envelope number 1 kien immarkat bħala APS Dok. 1, kien fih photocopy ta' cheque book chits illi kienu jkopru għall-perijodu bejn it-2 ta' Lulju 1997 sa' l-1 ta' Ġunju tas-sena 2001. Issa hawnhekk importanti li nsemmu illi l-assessment qiegħed fuq year of assessment 2001, imbagħad 2003, 2004, 2005 u 2006. Jiġifieri parti kbira ta' dawn id-dokumenti ma kienux jirrigwardaw is-snin li qegħdin hawnhekk għalihom. Magħhom ġo dan l-envelope kien hemm sommarju ta' dawn il-pagamenti fejn kien hemm imniżżel id-data u n-numru tac-cheque, lil min kien pagabbli u l-ammont. F'dawn in-notamenti kien jidher li dan il-kont kien jidher li jiġi użat għal xiri ta' ħaxix, prodotti ta' l-ikel u xorb, sigaretti u li jidhru li jikkonfermaw li s-Sur Aquilina kien qiegħed jaħdem bħala bejjiegħ bl-imnut. Pagamenti oħra huma mmarkati bħala personali fuq dawn ir-records, fuq dan is-sommarju illi ppreżenta li juri li s-Sur Aquilina ma kellux bank accounts separati*

[72] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Ġunju 2015, fol. 322 sa' 328 tal-proċess, Volum II.
[73] Fol. 669 tal-proċess, Volum IV.
[74] Fol. 670 sa' 938 tal-proċess, Volum IV.
[75] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Novembru 2018, fol. 982 sa' 987 tal-proċess, Volum V.

*għax-xogħol tiegħu u għall-ispejjeż normali tiegħu. Fl-istess dokument kien hemm kolonna fejn kien hemm imniżżel id-depożiti li hemm imniżżla fil-bank statements. Fil-każ però tad-depożiti mhemmx minn fejn dawn kienu ġejjin.*

- *F'envelope numru 2 li huwa mmarkat bħala BOV Dok. 2 hemm ukoll ic-cheque chits li dawn ikopru mill-11 ta' Marzu tas-sena 1995 sas-16 ta' Jannar tas-sena 1998. Bħal fil-każ ta' l-ewwel envelope hemm spjega li jkopri l-istess perijodi bl-istess tip ta' dettalji illi kien hemm fil-każ ta' l-envelope number 1. L-istess, ħafna minn dawn is-snin mhumiex parti minn dan l-assessment. Kien hemm ukoll il-Bank of Valletta bank statement u ħa ngħid in-numru ta' l-account 13810850039 illi jkopri perijodu mit-3 ta' Jannar tas-sena 1998 sal-31 ta' Diċmebru tas-sena 2007, illi dan ma ġiex analizzat mis-Sur Aquilina u lanqas ma ġewx spjegati d-depożiti li saru f'dan il-kont illi kienu jammontaw għal per eżempju Lm4,000 fid-9 ta' April tas-sena 2003, Lm14,752 fit-3 ta' Settembru tas-sena 2003, Lm5,000 fl-24 ta' Diċembru tas-sena 2003 u Lm1,000 fl-20 ta' Jannar tas-sena 2004. Dawn ma kienux analizzati mis-Sur Aquilina.*

- *Envelope 3 immarkat bħala HSBC Dok. 3 jinkludi chits illi jkopru l-perijodu mill-31 ta' Lulju tas-sena 2001 sat-23 ta' Marzu tas-sena 2006, flimkien ma' notamenti bħal fil-każ taż-żewġ envelopes l-oħra. F'dan il-każ, apparti li kien hemm notamenti dwar xiri tan-negozju tiegħu, dak ta' hawker, u notamenti dwar spejjeż personali, hemm ukoll pagamenti illi kellu għall-proġetti li kien daħal fihom matul l-istess perijodu.*

- *It-3 envelopes l-oħrajn, għaliex kien hemm 6 b'kollox, envelope 4 imsemmi bħala St. Paul's Bay hemm ġabra ta' riċevuti illi jirrigwardaw ix-xogħol illi s-Sur Aquilina wettaq fuq il-proġett illi kellu f'San Pawl il-Baħar. Dawn l-irċevuti ta' l-ispejjeż ikoprju demolition, reklamar fuq gazzetti, bibien u twieqi u diversi xogħlijiet oħrajn, jiġifieri f'dan l-envelope għall-proġett ta' San Pawl il-Baħar jidher li hemm numru ta' dokumentazzjoni mniżżla. F'envelope 5 hemm l-istess ġabra ta' rċevuti dwar il-proprjetajiet li kellu fil-Manikata u envelope 6 dwar il-proġett li huwa kellu fl-Imsida.*

*Ix-xogħol illi sar mid-dipartiment f'dan l-istadju ġew analizzati l-listi tal-pagamenti u ġew imqabbla mac-chits illi ġew preżentati fil-pakketti rispettivi jiġifieri hu ppreżenta lista tal-pagamenti illi kien hemm u aħna rajna jekk kienx hemm l-irċevuti magħhom. Dawn ma setgħux jiġu verifikati jiġifieri t-trade books tas-Sur Aquilina bħala bejjiegħ, ix-xiri u l-bejgħ jiġifieri għall-argument nagħmlu mod xtara b'elf lira Maltin xiri, ma nistgħux ngħidu xorta waħda minn xiex huma magħmulin. Id-depożiti min-naħa l-oħra setgħu jiġu konfermati mal-bank statements u li qablu mad-dokumenti mressqa lid-dipartiment u ġew preżentati anke mid-dipartiment matul il-kors ta' dan il-proċess. Min-naħa l-oħra ma instabet ebda informazzjoni li setgħet tikkonferma minn fejn kienu ġejjin dawn id-depożiti. Fil-fatt ma kien hemm l-ebda kumment fejn id-depożiti fejn setgħu jagħtu ħjiel ta' x'kienet il-provenjenza ta' dawn id-depożiti minn fejn kienu ġejjin. Dan ifisser illi dik li kienet mill-bidunett il-mistoqsija tagħna tad-Dipartiment jiġifieri dwar il-provenjenza tad-depożiti dik baqgħet ma ġietx imwieġba. Meta ġew analizzati l-envelopes l-oħrajn, wieħed jista' jikkonkludi illi kien hemm numru ta' work payments illi kienu jammontaw għal ammonti konsiderevoli illi almenu li ħareġ*

*minn dan l-eżerċizzju u li naħseb li huwa importanti li wieħed iżomm quddiem għajnejh illi almenu fil-file ma jidher imkien illi s-Sur Aquilina kien ressaq dokumenti u invoices. Kemm bħala xiri tiegħu ta' bejjiegħ bl-imnut u lanqas bħala proġetti. Jiġifieri hawnhekk almenu stajna naraw illi verament kien hemm ċertu pagamenti. Permezz ta' dan stajna nikkonfermaw illi almenu hemm bażi illi wieħed seta' jgħid illi kien hemm xi forma ta' pagamenti li saru. Issa kif għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti dawk aħna ma tantx nistgħu ngħiduha at this point fis-sens illi dawn ma ġewx preżentati fil-mument illi nħossu li kellhom jiġu preżentati u apparti dan m'għandniex ħafna ma xiex inqabblu, jiġifieri jekk qed nieħdu bħala trading tiegħu bħala wholesaler, jiena ma għandix records fejn ngħid ara matul dik is-sena partikolari xtara hekk, hekk u hekk u jiena qed nara l-invoice.*

In kontro-eżami Marco Borg tenna li *fil-każ tad-depożiti aħna ma rajna xejn illi jista' almenu jbiddilli l-fehma tiegħi u fil-każ ta' pagamenti illi saru strettament - issa din opinjoni tiegħi u ma nafx kemm hi valida - imma ma jidhrux li huma skond il-liġi, ma ġewx preżentati meta kellhom jiġu preżentati u ma hemmx records illi aħna essenzjlament nistgħu nqabblu magħhom. Però iva jidher li saru xogħlijiet fis-sens sa' qabel ma ġew ippreżentati dawn, aħna essenzjalment lanqas stajna ngħidu dawn saru dawn ix-xogħlijiet għaliex ma kienx hemm ebda forma ta' dokumentazzjoni. ... jiena fejn jidħol depożiti s'issa għadna ma rċevejna xejn. Qabel aċċettajna nofshom l-ispejjeż u aċċettajna nofshom ġeneralment hawnhekk tqum il-mistqosija għalfejn nofshom mhux 20% u għaliex mhux 60%. Għaliex hekk iddeċieda d-Dipartiment fis-sens kienet stima tad-dipartiment almenu aċċetta nofshom. Issa almenu hemm invoices illi wieħed jista' iqis li ttieħdu in konsiderazzjoni.* Mistoqsi allura x'dispost jaċċetta d-Dipartiment, Marco Borg wieġeb *l-ammont ta' spejjeż li qed jiġi aċċettat huwa skond fejn jidħol il-bejjiegħ ta' whoesale, bażikament qed naċċettawhom kollha għaliex jidhru li hemm bejn wieħed u ieħor xi forma ta' xiri u bejgħ, mela qed naċċettaw bażikament illi huwa iddikjara as declared u l-istess fejn jidħol il-proġetti tiegħu ta' proprjetajiet. Qed neħduhom bħala l-ispejjeż as declared.*

Wara x-xhieda ta' Marco Borg u fid-dawl tad-dokumentazzjoni sottomessa mir-Rikorrent fit-12 ta' Ġunju 2018, il-Kummissarju tat-Taxxi esebixxa rendikont rivedut tat-taxxa fuq id-dħul dovuta mir-Rikorrent[76]. Minn dan ir-rendikont jirriżulta li d-dħul *as revised* tar-Rikorrent fis-snin stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 issa huwa ta' Lm26,107 għas-sena ta' stima 2001 (rivedut minn Lm27,889), ta' Lm19,845 għas-sena ta' stima 2003 (rivedut minn Lm20,268), ta' Lm37,879 għas-sena ta' stima 2004 (rivedut minn Lm47,213), ta' Lm31,141 għas-sena ta' stima 2005 (rivedut minn Lm38,570) u ta' Lm24,045 għas-sena ta' stima 2006 (rivedut minn Lm38,570). Dan ifisser li jekk il-figuri kif ridotti jiġu aċċettati mit-Tribunal - u dana għaliex jiġu aċċettati d-dokumenti esebiti mir-Rikorrent fejn dawn jirrigwardaw l-ispejjeż minnu dikjarati fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu - il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 għandhom jiġu ridotti wkoll.
Il-kwistjoni dwar jekk dawn id-dokumenti għandhomx jiġu aċċettati jew inkella le tiddependi minn dak provdut fil-*proviso* ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, artikolu dan li ġia saret referenza għalih iktar 'l fuq fir-rigward tas-setgħa

[76] Fol. 997 u 998 tal-proċess, Volum V.

tal-Kummissarju tat-Taxxi li joħroġ stimi addizzjonali, meta jidhirlu li hekk ikun il-każ, għas-sena ta' stima 1999 jew għal snin ta' stima sussegwenti.

L-imsemmi *proviso* jipprovdi li *iżda jekk ikun hemm prova li, wara li tiġi mitluba mill-Kummissarju, permezz ta' avviż bil-miktub, dik il-persuna mingħajr raġuni tajba tonqos milli tippreżenta xi records, dokumenti, kontijiet jew data elettronika fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika ta' dik l-ordni u tkun ħarġet ordni bil-miktub mill-Kummissarju kif imsemmi fl-artikolu 33(5), dik il-persuna ma għandhiex titħalla tippreżenta dawk ir-records, dokumenti, kontijiet jew data elettronika quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva jew f'xi Qorti tal-Ġustizzja.*

Fil-fehma tat-Tribunal l-import u t-tifsira ta' l-imsemmi *proviso* ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta huma ferm ċari u fid-dawl tal-fatt li r-Rikorrent, għad illi ġie mitlub kemm fil-kors ta' l-investigazzjoni kif ukoll fil-kors ta' l-istadju ta' oġġezzjoni[77], jipprovdi, fost affarijiet oħra, id-dokumentazzjoni in sostenn ta' l-ispejjeż minnu reklamati fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, naqas milli jagħmel dan mingħajr raġuni valida, ma tantx hemm wisq x'jingħad fir-rigward. Madanakollu però ladarba l-Kummissarju tat-Taxxi jidher dispost li, a bażi tad-dokumentazzjoni prodotta li, jiġi ribadit, tindirizza biss l-aspett ta' l-ispejjeż reklamati u mhux ukoll id-differenza li rriżultat bejn id-depożiti bankarji tar-Rikorrent u d-dħul dikjarat minnu għas-snin ta' stima mertu ta' dawn il-proċeduri, jaċċetta l-ispejjeż tar-Rikorrent *as declared* fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu u b'hekk id-dħul *assessed* tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni jonqos - u dana minn ammont komplessiv ta' Lm180,180 għal ammont komplessiv rivedut ta' Lm131,387 - it-Tribunal ma jarax li għandu jkun hu li jwaqqaf din ir-riduzzjoni li fl-aħħar mill-aħħar hija a benefiċċju tar-Rikorrent.

Il-Kummissarju tat-Taxxi ma qajjimx dubju dwar l-awtentiċità ta' dawn id-dokumenti li għal raġunijiet li jaf ir-Rikorrent biss ma ġewx sottomessi fi stadju anteċedenti dawn il-proċeduri, u lanqas it-Tribunal ma għandu dubju dwar l-awtentiċità ta' l-istess u għaldaqstant, minkejja ċ-ċirkostanzi tal-każ u minkejja dak provdut fil-*proviso* ta' l-Artikolu 31(5) tal-Kap.372 tal-Liġijiet ta' Malta, jawtorizza li id-dokumenti esebiti mir-Rikorrent fit-12 ta' Ġunju 2018, in kwantu dawn jirreferu għall-ispejjeż minnu reklamati fid-dikjarazzjonijiet tat-taxxa tiegħu għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, jiġu aċċettati. Konsegwentement jikkonkludi li d-dħul *assessed* mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-istadju ta' l-oġġezzjoni u li a bażi tiegħu nħarġu l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 formanti l-mertu ta' dawn il-proċeduri, għandu jiġi rivedut 'l isfel billi jitnaqqsu l-ispejjeż reklamati mir-Rikorrent fid-dikjarazzjonijiet tat-Taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni u b'dana li d-dħul taxxabbli likwidat għall-imsemmija snin ta' stima għandu jkun kif ġej:

Sena ta' stima 2001 - Lm26,107 ekwivalenti għal €60,812.95 (rounded għal €60,810);
Sena ta' stima 2003 - Lm19,845 ekwivalenti għal €46,226.41 (rounded għal €46,230);

[77] Vide dokumenti annessi ma' l-affidavit ta' Marco Borg, fol. 513 sa' 656 tal-proċess, Volum IV.

Sena ta' stima 2004 - Lm37,879 ekwivalenti għal €88,234.33 (rounded għal €88,230);
Sena ta' stima 2005 - Lm31,141 ekwivalenti għal €72,539.01 (rounded għal €72,540);
Sena ta' stima 2006 - Lm24,045 ekwivalenti għal €56,009.78 (rounded għal €56,010).

Konsegwentement il-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għall-istess snin ta' stima għandhom jiġu ridotti u t-taxxa dovuta, flimkien ma' taxxa addizzjonali u imgħaxijiet determinati ai termini tal-Liġi, tiġi likwidata fuq id-dħul rivedut hawn appena indikat. Bħala fatt it-taxxa dovuta fuq id-dħul rivedut hija ta':

Sena ta' stima 2001 - €60,810 (dħul *assessed*); €16,860 (taxxa dovuta)
Sena ta' stima 2003 - €46,230 (dħul *assessed*); €11,416 (taxxa dovuta)
Sena ta' stima 2004 - €88,230 (dħul *assessed*); €25,680(taxxa dovuta)
Sena ta' stima 2005 - €72,540 (dħul *assessed*); €20,188 (taxxa dovuta)
Sena ta' stima 2006 - €56,010 (dħul *assessed*); €14,403 (taxxa dovuta)

Minkejja din ir-riduzzjoni tad-dħul taxxabbli tar-Rikorrent u tal-konsegwenti riduzzjoni tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006, it-Tribunal huwa tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u fid-dawl tal-fatt li r-Rikorrent baqa' ma tax spjega sodisfaċenti tad-differenza bejn id-depożiti bankarji tiegħu u d-dħul minnu dikjarat fid-dikjarazzjoni ta' taxxa tiegħu għas-snin ta' stima in kwistjoni u fid-dawl tal-fatt ukoll li esebixxa d-dokumentazzjoni li wasslet għad-deduzzjoni ta' l-ispejjeż fl-istadju aħħari ta' dawn il-proċeduri, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

Għal dawn ir-raġunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi:

1. Jiċħad it-talba tar-Rikorrent għar-revoka *in toto* tal-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa fil-konfront tiegħu fis-26 ta' Ottubru 2012 għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006; iżda;

2. In segwitu għad-dokumentazzjoni esebita mir-Rikorrent fil-mori ta' dawn il-proċeduri, senjatament fit-12 ta' Ġunju 2018, jillikwida d-dħul tar-Rikorrent għall-imsemmija snin ta' stima fis-segwenti ammonti:

   - Sena ta' stima 2001 - €60,810
   - Sena ta' stima 2003 - €46,230
   - Sena ta' stima 2004 - €88,230
   - Sena ta' stima 2005 - €72,540
   - Sena ta' stima 2006 - €56,010

3. Konsegwentement jillikwida t-taxxa dovuta għall-istess imsemmija snin ta' stima fis-segwenti ammonti:

   - Sena ta' stima 2001 - €16,860
   - Sena ta' stima 2003 - €11,416
   - Sena ta' stima 2004 - €25,680
   - Sena ta' stima 2005 - €20,188
   - Sena ta' stima 2006 - €14,403;

4. Għaldaqstant jordna li l-Likwidazzjonijiet ta' Taxxa maħruġa mill-Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tar-Rikorrent għas-snin ta' stima 2001, 2003, 2004, 2005 u 2006 għandhom jiġu ridotti biex jirriflettu d-dħul u konsegwenti taxxa hawn likwidati, b'dana li t-taxxa addizzjonali u l-imgħaxijiet jiġu kalkolati ai termini tal-Liġi abbażi tat-taxxa hawn likwidata.

Fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jiġu sopportati interament mir-Rikorrent.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**